MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 347/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

***… omissis …***
**Elena Ellul**

Illum, 19 ta' Settembru 2006

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Elena Ellul u ohrajn talli:

A) f'dawn l-ahhar xhur, b'qerq jew ingann jew uzu hazin ta' l-Awtorita, influwenza, jew pressjoni, ittraffikaw persuna ta' l-eta bil-ghan li dik il-persuna tigi sfruttata ghall-prostituzzjoni;

B) f’dawn il-Gzejjer partikolarment fl-Imsida, fit- 2 ta’ April 2003 u matul ix-xhur precedenti, b’diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1) Xjentement ghexu ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta’ persuni ta’ nazzjonalita` estera;

2) Zammew jew ezercitaw jew kellhom sehem ma’ ohrajn fl-ezercizzju ta’ burdell jew ta’ dar, hanut jew lokal iehor jew ta’ xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li ffrekwentati ghal skop ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;

3) Bhala s-sidien jew li ghandhom taht idejhom l-amministrazzjoni ta’ dar jew fond bl-isem Flat numru 17, Martin’s Flats, Triq l-Universita`, Msida, xjentement taw b’kiri, jew ippermettew l-uzu ta’ dan il-post ghal skop ta’ prostituzzjoni;

4) F’dawn il-Gzejjer, fl-istess zminijiet, sabiex jissodisfaw iz-zina ta’ haddiehor, gieghlu bil-vjolenza jew hajjru b’qerq, persuna ta’ l-eta` ghall-prostituzzjoni, liema reat sar b’abbuz ta’ awtorita`, ta’ fiducja jew ta’ relazzjoni familjari, bhala drawwa u bi hsieb ta’ qliegh;

5) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta’ awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Khonakhbeyeva Yevgeniya kontra l-volonta` taghha;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta’ Dicembru 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Elena Ellul hatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha salv dik ta’ sekwestru ta’ persuna, mil-liema akkuza lliberatha u kkundannatha ghall-piena karcerarja ta’ sentejn sospizi ghal erba’ snin;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmija Elena Ellul pprezentat fil-21 ta’ Dicembru 2005 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tvarja u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f’dik il-parti taghha fejn sabitha mhux hatja tar-reat ta’ sekwestru ta’ persuna, thassar, tirrevoka u tikkancella l-istess sentenza f’dik il-parti taghha fejn sabitha hatja tar-reati kontemplati taht l-artikoli 5(1), 8(1), 9 u 10, 7(1), 7(2) u 7(3) tal-Kap. 63 u tar-reati kontemplati fl-artikoli 248A, 248B u 248D tal-Kap. 9 u konsegwentement tilliberaha minn kull imputazzjoni u piena u fl-eventwalita` li ma tilqax l-aggravji fuq il-mertu, tvarja u tirriforma l-istess sentenza f’dik il-parti taghha li tikkoncerna l-piena nflitta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;
Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellanti huma fil-qosor is-segwenti: (1) legalment u ragjonevolment ma setghetx tinstab htija skond l-artikolu 248A tal-Kap. 9 peress illi ma jirrizultax li sar “traffikar” minnha u lanqas ma jirrizultaw l-uzu tal-mezzi msemmija fis-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 248A; (2) l-istess ragunament japplika ghas-sejbien ta’ htija dwar l-artikolu 248B tal-Kap. 9; (3) l-ewwel Qorti ma setghetx lanqas issib htija skond l-artikolu 248D tal-Kap. 9 peress illi huwa nieqes l-element li l-persuna traffikata kienet minuri; (4) una volta l-ewwel Qorti ma sabitx htija tar-reat ta’ sekwestru, ma setghetx tinstab htija dwar ir-reat kontemplat fl-artikolu 5(1) tal-Kap. 63; (5) l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat u skorrett tal-provi dwar l-artikoli 7(1), 8(1), 9 u 10 tal-Kap. 63; (6) ir-reat kontemplat fl-artikolu 7(2) tal-Kap. 63 ma jirrizultax fil-konfront ta’ l-appellant; (7) minghajr pregudizzju, il-piena nflitta kienet eccessiva.

L-ewwel sitt aggravji jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-fatti, u kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din

il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has**

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Din il-Qorti fil-fatt ghamlet ezami approfondit tal-provi kollha migbura mill-ewwel Qorti biex tara jekk dik il-Qorti

setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni ta' htija kif fuq indikat.

Evidentement l-ewwel Qorti, wara konsiderazzjoni tal-provi kollha li ngabu quddiemha, wara li kellha l-opportunita` tqis "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda u "tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz" (artikolu 637 tal-Kap. 9) u wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza, ikkonkludiet li l-appellant kien hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu salv dik dwar sekwestru tal-persuna. Fil-fatt l-ewwel Qorti, wara li ghaddiet in rassenja l-provi kollha migbura, stqarret hekk:

**"Din il-Qorti hija f'posizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra sabiex taghmel ezami sewwa u bir-reqqa tal-provi mressqa quddiemha u dan ghaliex ghexet il-process kollu u hadet iz-zmien taghha biex tigbor u tisma' viva voce l-provi kollha u ghalhekk setghet tikkontrolla l-kredibilita` u veracita` tax-xhieda prodotti quddiemha u ghalhekk hija f'posizzjoni li tapprezza sewwa l-provi u c-cirkostanzi kollha relevanti ghal kull kaz….**

**Il-Qorti hija rinfaccata b'zewg versjonijiet tal-fatti dwar dak li allegatament seta' gara.**

**Il-Prosekuzzjoni qed issostni li l-imputati kienu qed igibu nisa ta' nazzjonalita` barranija sabiex jipprostitwixxu ruhhom u mbaghad jghixu minn fuq il-qliegh taghhom u dik tal-imputati li jichdu din l-allegazzjoni u jghidu li n-nisa barranin kienu hbieb tal-imputata Elena Ellul u li fil-fatt l-imputat Charles Gravina kellu relazzjoni ma' wahda minnhom.**

**Illi ghalhekk ma hemmx dubbju li kollox jiddependi fuq kredibilita` tax-xhieda u cioe` fuq dak li ddeponew ix-xhieda kemm tal-Prosekuzzjoni kif wkoll tal-imputati waqt li kienu fuq il-pedana tax-xhieda.**

**Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-provi kollha migbura u thoss li l-alternattivi huma tnejn u cioe` jew li l-imputati qed jghidu l-verita` jew ma humiex. Pero` fic-cirkostanzi kif inhuma u kif jirrizultaw fil-process, biex din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li l-imputati mhux hatja tad-delitt imputat lilhom, trid ukoll tasal ghal konkluzjoni li kien hemm fil-kaz u fil-konfront taghhom speci ta' kongura minn persuni biex jaddebitaw delitti li ma kkommettewx."**

Wara li kkunsidrat dak kollu li dehrilha rilevanti mbaghad l-ewwel Qorti kkonkludiet li **"hija konvinta mill-istorja moghtija minn Yevgeniya Khonakhbeyeva ghaliex hija riedet titlaq minn mal-imputati u ma tkomplix taghti servizz ghalihom u tibda tghix ma' Massimo Grima. Ghalhekk ma kinitx taf kif kienet ser taghmel dan u dehrilha li kellha tikxef dak li kien ghaddej."** Ghalhekk sabet lill-imputati, inkluz lill-appellanti Elena Ellul, hatja ta' l-imputazzjonijiet **"kif addebitati"** salv dik ta' sekwestru tal-persuna.

Mill-ezami li din il-Qorti ghamlet tal-provi, hija tal-fehma illi l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tiskarta t-tezi tad-difiza li kien hemm kongura kontra l-appellanti u l-ko-imputati l-ohra u tikkonkludi illi fil-fatt l-appellanti u l-ko-imputati l-ohra kienu involuti f'cirku ta' prostituzzjoni, u dan nonostante certi kontradizzjonijiet fix-xiehda ta' Yevgeniya Khonakhbeyeva u bejn ix-xiehda taghha u dik ta' Massimo Grima, kontradizzjonijiet li jirrigwardaw aktar il-kwistjoni ta' l-allegat arrest illegali taghha (art. 86 tal-Kap. 9) jew jekk kinitx qed tinzamm kontra r-rieda taghha f'burdell (art. 5(1) tal-Kap. 63) milli jekk kinitx fil-fatt qed tipprostitwixxi ruhha u s-sehem li kellhom l-appellanti u l-ko-imputati l-ohra f'din l-attivita`. Dak li trid tara din il-Qorti huwa jekk mill-fatti rizultanti kellhiex ukoll ragun l-ewwel Qorti ssib htija ta' l-imputazzjonijiet kollha salv dik ta' sekwestru tal-persuna. Qabel xejn pero` jridu jsiru dawn l-osservazzjonijiet:

Kif intqal, l-ewwel Qorti sabet htija dwar l-imputazzjonijiet **"kif addebitati"** fil-konfront ta' l-appellanti, salv dik ta' sekwestru ta' persuna. Issa f'dan il-kaz l-appellanti kien

tressqet quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja u giet akkuzata bir-reati li jinsabu elenkati fl-ewwel zewg faccati tal-process. Fi tmiem il-kumpilazzjoni tal-provi kollha, l-Avukat Generali baghat l-atti lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex dik il-Qorti, fin-nuqqas ta' oggezzjoni ta' l-appellanti (allura imputata), tiddeciedi fuq l-akkuza tal-htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-artikoli citati mill-istess Avukat Generali (a fol. 116). Ezami ta' dawn l-artikoli juri li l-Avukat Generali deherlu illi l-appellanti setghet tinsab hatja ta' aktar reati minn dawk li bihom hija giet originarjament akkuzata bihom. Difatti huwa zied akkuzi skond l-artikoli 248A u 248D tal-Kap. 9 u l-artikoli 5(1), 7(2) u 9 tal-Kap. 63. Mill-banda l-ohra ma deherlux li kellu jinkludi wkoll l-artikolu 205 tal-Kap. 9 (l-imputazzjoni originali numru erbgha). Id-dikjarazzjoni ta' htija li ghamlet l-ewwel Qorti ghalhekk hija fil-konfront tar-reati li elenka l-Avukat Generali fin-nota tieghu ta' l-4 ta' Lulju 2003.

Issa, minn ezami tal-provi kollha huwa evidenti li l-appellanti ghandha ragun dwar uhud mir-reati addebitati lilha mill-Avukat Generali:

L-artikolu 248A tal-Kap. 9 jittratta dwar it-traffikar ta' persuni ta' l-eta` bil-ghan li jigu sfruttati **"fil-produzzjoni ta' oggetti jew fil-ghoti ta' servizzi"**. Dan il-kaz jirrigwarda l-prostituzzjoni ta' nisa barranin, inkluz it-traffikar taghhom. Huwa l-artikolu 248B tal-Kap. 9 li jipprovdi dwar it-traffikar ta' persuni <u>ghall-prostituzzjoni</u>. Ghalhekk l-artikolu 248A tal-Kap. 9 mhuwiex applikabbli u, mill-provi, ma jirrizulta bl-ebda mod. Kwindi l-ewwel aggravju huwa milqugh.
Kwantu ghat-tieni aggravju, l-appellanti tghid illi l-ewwel Qorti ma setghetx issib htija skond l-artikolu 248B tal-Kap. 9 stante li l-elementi kostituttivi ta' dan ir-reat huma nieqsa. L-appellanti tghid li dan ir-reat jippostula u ghandu bhala wiehed mill-elementi kostituttivi tieghu, l-element ta' traffikar. Skond l-appellanti, mill-provi prodotti ma jirrizulta minn imkien li l-espressjoni "traffikar" kif spjegata fl-artikolu 248E tal-Kap. 9 effettivament tirrizulta li saret minnha. Tghid ukoll li lanqas ma jirrizulta ppruvat l-uzu tal-mezz attribwit fl-akkuza, u tabilhaqq ebda wiehed mill-

mezzi msemmija fis-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 248A tal-Kap. 9, biex b’hekk anki dana l-element kostituttiv tar-reat huwa nieqes.

Is-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 248E tal-Kap. 9 jipprovdi testwalment hekk:

**“F’dan is-sub-titolu, l-espressjoni ‘jittraffika persuna’ jew ‘jittraffika minuri’ tfisser ir-reklutagg, trasport jew trasferiment ta’ persuna, jew ta’ minuri, skond kif jista’ jkun il-kaz, inkluz il-habi ta’ dik il-persuna, jew tal-minuri, li wara tigi ricevuta u jkun hemm bdil ta’ kontroll fuq dik il-persuna, jew fuq il-minuri, u tinkludi kull ghemil li jiffacilita d-dhul, transitu, residenza fi jew hrug mit-territorju ta’ xi pajjiz ghal xi wiehed mill-ghanijiet imsemmija fl-artikoli precedenti ta’ dan is-sub-titolu, skond kif jista’ jkun il-kaz.”**

Sabiex jissussisti l-element ta’ “traffikar” huwa ghalhekk sufficjenti mqar att wiehed minn dawk elenkati fis-subartikolu appena citata. U hawn irid jigi osservat, kuntrarjament ghal dak li gie sottomess mill-appellanti, illi l-frazi **“li wara tigi ricevuta u jkun hemm bdil ta’ kontroll fuq dik il-persuna”** tikkwalifika l-att ta’ **“habi”** tal-persuna sfruttata u ma tikkwalifikax l-atti ta’ **“reklutagg, trasport jew trasferiment”** (fit-test Ingliz: **“including harbouring and subsequent reception and exchange of control of that person, or minor”**). Mix-xiehda ta’ Yevgeniya Khonakhbeyeva jirrizulta li l-appellanti kellha sehem dirett fir-reklutagg ta’ l-istess Khonakhbeyeva u tfajla ohra sabiex jigu sfruttati ghall-prostituzzjoni.

Yevgeniya Khonakhbeyeva xehdet illi l-appellanti Elena Ellul kienet ghenitha bid-dokumentazzjoni biex tidhol Malta u li kienet qaltilha li se tghinha ssib xoghol, ghalkemm ma qaltilhiex x’tip ta’ xoghol. Tghid li meta waslet Malta flimkien ma’ habiba taghha, l-appellanti marret ghalihom l-ajruport, hadithom id-dar taghha, **“naddafna lilna nfusna u bdew gejjin il-klijenti dakinhar stess tal-wasla taghna.”** Fir-rigward ta’ l-appellanti ghalhekk zgur jirrizulta l-mezzi kontemplat fil-

paragrafu (b) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 248A tal-Kap. 9.

Konsegwentement it-tieni aggravju qed jigi respint.

L-artikolu 248D tal-Kap. 9 jirrigwarda t-traffikar ta' minuri b'xi wiehed mill-ghanijiet imsemmija fl-artikoli 248A sa 248C tal-Kap. 9. Mill-provi ma jirrizultax li l-persuni allegatament ittraffikati kienu minuri. Ghalhekk l-anqas ir-reat kontemplat mill-artikolu 248D ma jirrizulta. B'hekk it-tielet aggravju qieghed jigi wkoll milqugh.

Skond ir-raba' aggravju tieghu, l-appellanti tghid li una volta l-ewwel Qorti ma sabithiex hatja tar-reat ta' sekwestru ta' persuna, ma setghetx legalment u ragjonevolment issib htija tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 5(1) tal-Kap. 63. Hawn l-appellanti m'ghandhiex ragun peress illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 5 tal-Kap. 63 jipprovdi li persuna **"titqies li tkun qieghda zzomm persuna ohra, <u>ghall-finijiet ta' dan l-artikolu</u>, kemm-il darba, bil-hsieb li ggieghel dik il-persuna ohra li tibqa' f'burdell jew f'lokal iehor uzat bi drawwa ghal skop ta' prostituzzjoni, izzommilha hwejjeg ta' lbies jew oggetti ohra ta' proprjeta` taghha …."** (sottolinear ta' din il-Qorti). Mill-provi effettivament jirrizulta li Paul Ellul, ir-ragel ta' l-appellanti u wiehed mill-ko-imputati, kien qieghed izomm il-passaporti tat-tfajliet involuti fil-prostituzzjoni. xehdet li l-ghada li hi u tfajla ohra waslu Malta, Paul Ellul hadilhom it-tickets u l-passaport u qalilhom biex ma jmorru mkien. Tatiana Parisheva xehdet illi l-passaport taghha u l-biljett kienet ghaddiethom lil Paul Ellul biex izommhomlha u sussegwentement giet infurmata li kienu ghosfru. L-Ispettur Louise Calleja xehdet illi l-passaporti ta' Tatiana Parisheva u ta' certa Doleka Tatiana gew mghoddija lill-Pulizija ta' l-Immigrazzjoni minn Paul Ellul fit-8 ta' April 2003. Fl-istqarrija taghha l-appellanti, mistoqsija dwar il-passaporti tat-tfajliet, qalet illi tahseb illi kienu fil-karrozza tar-ragel ghax kellhom imorru l-casino u li hija ma kinitx qed izzomm il-passaporti taghhom. L-ispjegazzjoni li hija tat evidentement mhijiex wahda plawsibbli u turi semmai li kienet taf li l-passaporti kienu taht il-kontroll ta' zewgha. Barra minn hekk, kif anke

xehdet Yevgeniya Khonakhbeyeva, gieli tat il-flus li kienet taqla’ lill-appellanti u kienu jinghataw permess jaghmlu *shopping* darbtejn fil-gimgha u kienet tmur maghhom l-appellanti. L-appellanti kienet ovvjament taf sew x’kien qieghed isir u kienet bl-agir taghha qed tghin sabiex it-tfajliet imsemmija jinzammu fil-burdell kontra r-rieda taghhom. Ghalhekk dan l-aggravju huwa michud.
Permezz tal-hames aggravju taghha, l-appellanti ssostni li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat u skorrett tal-provi u tal-ligi meta giet biex issib htija fil-konfront ta’ l-imputazzjonijiet fl-artikoli 7(1), 8(1), 9 u 10 tal-Kap. 63. Tghid illi apparti l-konsiderazzjonijiet esposti fin-nota ta’ sottomissjonijiet (a fol. 169 sa 174) rigwardanti punti ta’ fatt, jinghad ukoll li l-ewwel Qorti kienet legalment skorretta meta, *obiter*, siltet dikjarazzjonijiet maghmula minn ko-akkuzati sabiex b’hekk tasal biex tikkonkludi li qed issib htija fil-konfront ta’ l-appellanti, ghax dan imur kontra dak dispost fl-artikolu 658 tal-Kap. 9. Tghid li fl-istqarrija taghha u fix-xiehda taghha *viva voce* kienet konsistenti u tat spjegazzjoni plawsibbli u accettabbli ghall-allegazzjonijiet li saru fil-konfront taghha b’mod li l-ewwel Qorti fil-konfront taghha ma setghetx tasal sabiex legalment u ragjonevolment issib htija.

Minn ezami tal-provi tal-prosekuzzjoni, din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment issib htija fil-konfront ta’ l-appellanti fir-rigward ta’ l-artikoli msemmija.

L-ewwelnett jinghad illi Yevgeniya Khonakhbeyeva xehdet illi l-istandard fee li kienet tigbor kien ta’ Lm15 ta’ kull klijent li minnhom kienet izzomm Lm5 u Lm10 tghaddihom lil Paul Ellul jew lil Carmelo Gravina jew, meta ma jkunux hemm, lill-appellanti Elena Ellul. Skond din ix-xhud, hija kienet waslet Malta flimkien ma’ habiba ohra taghha, certa Victoria, u marru d-dar ta’ Elena Ellul u wara li naddfu lilhom infushom, bdew gejjin il-klijenti, <u>fid-dar ta’ Elena Ellul stess</u>. L-ghada Paul Ellul hadhom go dar ohra tas-Sliema fejn kienu jaghmlu dan ix-xoghol ta’ prostituzzjoni. Sussegwentement gew trasferiti f’appartament fl-Msida fejn komplew l-istess xoghol. Dan l-appartament inkera minn Paul Ellul, kif jirrizulta mill-ftehim tat-13 ta’ Marzu

2003 (Dok. MS a fol. 60 sa 62) u fih kien jirrisjedi Carmelo Gravina flimkien man-nisa li kienu qeghdin jipprostitwixxu ruhhom. Mix-xiehda ta’ Yevgeniya Khonakhbeyeva u anke dik ta’ Tatiana Parisheva, il-“klijenti” kienu jehduhomlhom l-appellant u Carmelo Gravina. L-appellanti kienet taf bl-imsemmi appartament li kera zewgha, kif tghid hija stess fl-istqarrija taghha, ghalkemm tghid li krieh fuq talba tat-tfajliet. U ghalkemm fl-istqarrija taghha tichad li kienet qed tghix minn fuq il-qligh tal-prostituzzjoni, tghid illi kienet tghix fuq dak li jtiha zewgha.

Ghalhekk il-hames aggravju ma jimmeritax li jigi milqugh.

L-artikolu 7(2) tal-Kap. 63 jaghmel reat it-tlajjar jew it-thajjir ghal skop ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali f’xi post pubbliku. Mill-provi ma jirrizulta minn imkien li l-appellanti ghamlet xi att ikkontemplat fl-imsemmi artikolu. Ghalhekk is-sitt aggravju huwa milqugh.

L-ahhar aggravju ta’ l-appellanti jirrigwarda l-piena li tghid hija eccessiva. Issostni illi dan hu hekk ghax l-ewwel Qorti sabet htija fuq reati li dwarhom ma setghet qatt tinsab htija. Tghid ukoll illi l-ewwel Qorti ccitat l-artikolu 11 tal-Kap. 63 li jirrikjedi tlugh fil-piena ta’ zewg gradi f’kaz tat-tieni kundanna taht l-istess Kap. 63, u mill-atti ma tirrizulta ebda kundanna ohra fuq reati taht dan il-Kap.

In materja ta’ piena, il-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[2].

Issa f’dan il-kaz jirrizulta illi r-reati taht l-artikolu 248B tal-Kap. 9 u taht l-artikoli 8(1), 9 u 10 tal-Kap. 63 servew bhala mezz biex isir ir-reat taht l-artikolu 7(1) tal-Kap. 9. Skond l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9, ghandha tinghata l-piena ghar-reat l-aktar gravi. Ghalhekk hija applikabbli l-piena

---

[2] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija v. Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

ghar-reat kontemplat fl-artikolu 248B tal-Kap. 9, cioe` dik ta’ prigunerija ghal zmien minn sentejn sa disa’ snin. Jigifieri l-piena nflitta mill-ewwel Qorti hija zgur fil-parametri tal-ligi meta jitqies li mhux biss inghatat fil-*minimum* izda sahansitra giet sospiza l-esekuzzjoni immedjata taghha.

Bhalma qalet l-ewwel Qorti mbaghad, ir-reati odjerni huma reati **“serjissimi u aborrenti u ghalhekk is-socjeta` ghandha jkollha l-protezzjoni tal-Qorti”** u li **“dawn ir-reati qed jikkagunaw firda fil-familja Maltija u ghalhekk tesigi li min jinsab hati ta’ ghemil simili ghandu jahsad dak li jkun zergha f’termini ta’ piena”**.

U kif jinghad f’ **Blackstone’s Criminal Practice 2004**:

**“The phrase ‘wrong in principle or manifestly excessive’ has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal’s general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in *Nuttall* (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, ‘This court will…be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, *though they may appear heavy to individual judges*’ (emphasis added). Similarly, in *Gumbs* (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: *‘…that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle.”* Both Channell J in *Nuttall* and Lord Hewart CJ in *Gumbs* use the phrase ‘wrong in principle’. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to ‘wrong in principle’) words to the effect that the sentence was ‘excessive’ or ‘manifestly**

**excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."** [3]

Din hija l-posizzjoni ta' din il-Qorti fil-gurisdizzjoni taghha kemm inferjuri kif ukoll superjuri[4] u ghalhekk, u nonostante r-riforma li sejra ssir fis-sentenza appellata in kwantu d-dikjarazzjoni ta' htija, hija ma ssib l-ebda raguni biex tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata u ghalhekk tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellanti hatja tar-reati taht l-artikolu 248A u 248D tal-Kap. 9 u taht l-artikolu 7(2) tal-Kap. 63 u minflok tiddikjaraha mhux hatja ta' l-imsemmijin reati u minnhom tilliberaha, filwaqt illi tikkonfermaha fil-kumplament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[3] Page 1695, para. D23.45

[4] Ara **Ir-Repubblika ta' Malta v. Kandemir Meryem Nilgum et** deciz fil-25 ta' Awissu 2005.